# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 1737/95 FDP**

**L-Avukat Dr. Henry Antoncich, L.P., LL.D., Frederick Attard u Edgar Borg, FCCA, MIA, CPAA, f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Management Services International (Nominee) Company Limited**

**vs**

**Jeffrey Bezzina bhala Editur u Andrew Ellul bhala stampatur ta' "The Malta Business Weekly" u b'nota tat-2 ta' Lulju, 1996, Fr. Noel Grima assuma l-atti tal-kawza flok Jeffrey Bezzina**

## L-Att tac-Citazzjoni

L-atturi proprio et nomine pprocedew kontra l-konvenuti bhala Editur u stampatur tal-gurnal The Malta Business Weekly b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Illi l-konvenuti permezz ta' artiklu li jgib l-isem London Fraud Squad on "Malta Connection" in Barclays 10m case", ippubblikat f'pagna 2 tal-harga Numru 52 datata 19-25 Ottubru, 1995 ta' "The Malta Business Weekly", taw malafama bi skop li joffendu l-unur u l-fama ta' l-atturi, jew li jesponuhom ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;
>
> Illi l-atturi sofrew danni li jaghtu lok ghal kundanna u ghal rizarciment;
>
> Talbu ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti:
>
> (1) tiddikjara li huma taw malafama lill-atturi a tenur ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> (2 tillikwida d-danni kkawzati;
>
> (3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati".
>
> Bl-ispejjez".

## Eccezzjonijiet

Il-konvenuti hekk eccepew:-

> "(1) Illi l-eccipjenti ma taw l-ebda malafama la lill-atturi proprio u lanqas lis-socjeta' "Management Services International (Nominee) Co. Ltd."

(2) Illi l-fatti li ssemmew fl-artikolu huma precizissimi u jirrizultaw mill-"Memorandum and Articles of Association", dokument ta' dominju pubbliku, ta' l-imsemmija Nominee Company. Dan minn meta fatti kontenuti f'dokument ufficjali registrat mar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali kif ukoll mal-Malta Financial Services Centre saru jitqiesu malfamanti? Kieku kien hekk, kull darba li tigi rilaxxjata kopja tal-"Memorandum and Articles of Association" l-atturi jkunu qeghdin jissubixxu malafama;

(3) Illi f'socjeta' demokratika l-istampa ghandu jkollha d-dritt li xxandar taghrif li jirrizulta minn dokumenti ta' dominju pubbliku, kompilati u ffirmati mill-istess persuni li llum qeghdin jghidu li sofrew malafama".

**Decide**

B'sentenza tas-7 ta' Lulju, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi, wara li akkoljiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti cahdet it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi l-artiklu in kwistjoni, li deher fil-"Malta Business Weekly tad-19-25 Ottubru, 1995, taht l-isem "London Fraud Squad on 'Malta Connection' in Barclays £10m case" jirraporta dwar kif il-Fraud Squad ta' Londra qed tipprova tigbor xi informazzjoni rigward certu Ernest Cilia li hu allegatament implikat fi frodi ta' falsifikazzjoni ta' garanzija bankarja ta' ghaxar miljun Lira Sterlina. L-istess artiklu jirreferi ukoll ghall-fatt li aktar kmieni dik is-sena xi banek Maltin rigward falsifikazzjoni ta' kambjali li

jammontaw ghal madwar sittax-il miljun Dollaru Amerikan u li fost xi ismijiet li kienu taw, kien hemm dak ta' Ernest Cilia;

Illi l-artiklu ikkompli jghid li dan Cilia huwa azzjonista tas-socjeta' Management Services International (Nominee) Company Ltd. li kienet giet iffurmata f'Ottubru, 1990, u li l-istess Cilia kien jokkupa l-kariga ta' direttur f'din is-socjeta'. L-artiklu jispjega wkoll li Cilia kien direttur flimkien maz-zewg diretturi l-ohra tal-kumpanija li huma Dr. Henry Antoncich (avukat) u Edgar Borg (accountant and auditor) u li meta rrizenja bhala direttur f'Mejju ta' dik is-sena dawk iz-zewg diretturi l-ohra kienu nfurmaw lir-Registratur tas-Socjetajiet bir-rizenja tieghu. L-artiklu jzid jghid li Frederick Attard lahaq direttur flok Cilia wara li dan irrizenja;

Illi l-atturi ndikati hassew li l-informazzjoni li xxandret dwarhom, ghalkemm veritjera (l-istess informazzjoni wiehed jista' jsibha fil-Memorandum u Articles of Association – dokument ta' dominju pubbliku) immalafamathom peress li xxandret f'kuntest u taht titlu pjuttost skandaluz. Hekk per ezempju fl-affidavit tieghu <u>Dr. Antoncich</u> jghid "Il-konvenuti ma kellhomx ghalfejn isemmuni fl-Artikolu indikat fil-kuntest u taht heading ta' frodi li ghalih jien estraneju hlief biex jimplikawni u jimmalafamawni". <u>Frederick Attard</u> jinsisti li: "….d-dettalji tieghi gew mitfugha that ir-ras infami u assocjat ma grajjiet kriminali ta' dan l-artiklu. Dan kollu f'kuntest totalment estran ghal rigward it-titlu ta' frodi ta' l-istess artiklu". <u>Edgar Borg</u> jilmenta li "…... t-titlu ta' l-artiklu, il-mod li bih miktub u kif gejt assocjat mieghu imminaw il-pozizzjoni tieghi".

Illi l-Qorti ma tarax li minhabba l-fatt li l-istess atturi ssemmew fl-artiklu in kwistjoni jista' jinghad li kien hemm xi malafama fil-konfront taghhom. Id-dettalji fir-rigward taghhom huma veritjiera u facilment kontrollabbli u m'hemm assolutament l-ebda allegazzjoni, insinwazzjoni jew implikazzjoni li s-socjeta' Management Services International (Nominee) Company Ltd. jew id-diretturi Antoncich, Borg u Attard kellhom xi konnessjoni ma' l-allegat frodi;

Illi l-artiklu jikkoncerntra fuq Ernest Cilia u s-suspetti li jezistu fuqu rigward xi falsifikazzjonijiet. Il-fatt li ssemmew l-atturi meta kien qed jinghata background information dwar Cilia ma jistax jigi miftiehem li l-istess atturi kienu nvoluti mieghu f'xi attivitajiet frawdolenti. L-atturi qed jallegaw li hassew ruhhom malfamanti minhabba li isimhom deher ghal xejn b'xejn f'artiklu li jittratta dwar kaz ta' frodi. Izda l-Qorti thoss li minkejja kull riferenza ghalihom, superfluwa jew m'hijiex, l-artiklu ma jikkreja l-ebda

dubju fil-mohh tal-qarrej li l-atturi huma konnessi ma' l-allegat frodi;

Illi rigward il-fatt tal-heading, punt li jidher li qed jiddisturba lill-atturi, il-Qorti hija konxja tal-fatt li tezisti malafama anki meta t-titlu biss ikun malfamanti u dan irrispettivament mill-konvenut ta' l-artiklu relattiv. Izda ma tarax kif it-titlu ta' l-artiklu in kwistjoni jista' jigi kkunsidrat malfamanti. It-titlu". **London Fraud Squad on 'Malta Connection' in Barclays £l0m Case** semplicement ifisser li l-Fraud Squad ta' Londra qed tinvestiga l-kaz tal-Barclays fir-rigward ta' xi Malti/Maltin li jistghu ikunu nvoluti fih. Is-sitwazzjoni forsi kienet tkun differenti kieku l-heading kien per ezempju: "Diretturi tal-Management Services International (Nominee) Company Ltd. involuti fi Frodi", ghax titlu ta' din in-natura facilment jaghti lok ghal ekwivoku u jista' jaghti x'jifhem li min hu direttur ta' dik is-socjeta' jista' jkun korrott u ghalhekk tali titlu jista' jitqies bhala malfamanti irrispettivament mill-fatt li l-artiklu juri xort'ohra. Fil-kaz in kwistjoni, pero', it-titlu fih innifsu jista' jigi konsidrat bhala addattat ghall-kontenut ta' l-artiklu. Ma jistax jinghad li l-heading huwa malfamanti u lanqas jista' jinghad li tezisti malafama ghas-semplici fatt li isimhom deher tahtu;

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, la t-titlu u lanqas l-artiklu fis-sustanza tieghu ma qed jaffettwa l-unur u l-fama ta' l-atturi msemmija, jew jesponihom ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Ma thossx li min qara t-titlu u/jew l-artiklu seta' gie effettwat b'mod li seta tilef xi fiducja fl-atturi pen. Ma tarax kif l-atturi jistghu jigu mwaqqgha ghar-ridikolu jew ma jigux fdati mill-klijenti taghhom bhala rizultat tal-pubblikazzjoni ta' l-artiklu in kwistjoni. Konsegwentement ma tarax kif setghu sofrew xi danni".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Il-Qorti trid qabel xejn tiddisponi minn zewg aggravji ta' natura procedurali. Fl-ewwel lok l-appellanti jissottomettu illi Fr. Noel Grima, li b'nota tat-2 ta' Lulju, 1996, assuma l-atti tal-kawza minflok Jeffrey Bezzina, ma kellux mill-ewwel Qorti jithalla hekk jassumi l-atti u allura

eccepixxa li f'dan ir-rigward kien hemm illegalita. Fit-tieni lok l-appellant jissottometti li l-istess Bezzina kien ghalhekk baqa' kontumaci.

Din il-Qorti tinnota qabel xejn illi anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jigi accettat li dan l-aggravju hu gustifikat, l-azzjoni, kif proposta, tibqa' xorta valida fil-konfront tal-konvenut l-iehor Anthony Ellul citat bhala stampatur ta' The Malta Business Weekly. Dan hu rilevanti nkwantu necessarjament jimporta li l-Qorti kellha f'kull kaz tinvesti l-mertu tal-kawza. Kellha tezamina jekk kienx hemm jew le l-elementi tal-malafama li minnha jilmentaw l-appellanti, u jekk din kienetx tali li tiggustifika t-talbiet attrici. Hu aktar minn ovvju li jekk jirrizulta illi dawn l-elementi ta' l-azzjoni ma jigux provati - kif irriteniet l-ewwel Qorti – dik il-kostatazzjoni guridika kienet testendi ghall-konvenut l-iehor hu min hu, anke jekk dan kien, skond l-appelanti, kontumaci. L-aggravju procedurali kellu allura interess marginali f'kaz li s-sentenza appellata tigi konfermata, u ma kienx jimmerita approfondiment qabel din il-Qorti tittratta l-mertu tal-kaz.

Jinghad biss f'dan l-istadju li l-aggravju jidher teknikament fondat fis-sens li l-azzjoni civili tal-libell famuz tidher li torigina mill-massima ta' dritt illi kull azzjoni kriminuza taghti lok ghal proceduri gudizzjarji kontra min iwettaqa' kemm jekk fil-kamp ta' dritt kriminali, kif ukoll ta' dritt civili. L-Att dwar l-Istampa Kap 248 infatti jiddelimita l-parametri taz-zewg

azzjonijiet li joriginaw mill-malafama bl-iskop li toffendi l-unur u l-fama ta' l-attur u li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. L-Att delittwuz kellu necessarjament ikollu l-paternita' ta' l-individwu li jkun responsabbli ghalih u kien dak l-individwu li kellu, fl-ewwel lok, jirrispondi ghall-agir tieghu. Dan naturalment ma jfissirx li ma jistax ikun hemm ukoll responsabilita' indiretta ta' persuni ohra anke morali li, f'isimhom u ghalihom, il-persuna li tikkommetti l-ingurja tkun qeghda tagixxi.

Tidher allura korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-ewwel Qorti ma kellhiex, u ma setghetx tohrog il-konvenut Jeffrey Bezzina 'il barra mill-kawza u nkwantu l-assunzjoni ta' l-atti da parti ta' Fr. Noel Grima hekk kienet timporta, din ma kienetx korretta. Tibqa' miftuha l-kwistjoni jekk Fr. Grima kellux id-dritt jassumi l-atti minflok l-istess Bezzina fil-kwalita' tieghu ta' Editur ta' The Malta Business Weekly. Dan ghaliex fil-mori tal-kawza hu kien issuccedih f'dik il-kariga. Naturalment sa fejn il-gurnal seta' kien responsabbli qua gurnal ghall-agir ta' l-Editur tieghu, l-assunzjoni ta' l-atti da parti ta' Fr. Grima setghet kienet legittima. Din il-Qorti jidhrilha pero' li m'ghandhiex ghalfejn, f'dan l-istadju, tinoltra ruhha f'din il-materja qabel ma tinvesti l-mertu. Tissottolineja biss ir-rejalta' guridika illi, anke jekk jigi koncess illi Jeffrey Bezzina kien baqa' kontumaci, tali kontumacja ma kienetx tfisser l-ammissjoni tat-talbiet attrici, imma kellha tittiehed bhala kontestazzjoni taghhom. Dan ikompli

jissottolineja l-fatt li l-konsiderazzjoni tal-mertu li din il-Qorti jehtigilha taghmel fir-rigward ta' l-azzjoni, almenu kif diretta kontra l-konvenut l-iehor Anthony Ellul, kienet necessarjament testendi wkoll fit-tajjeb u l-hazin ghall-interess tal-konvenut kontumaci.

Fil-mertu l-appellanti jilmentaw illi l-artikolu kien qieghed jassocjahom ma' illegalita' fil-kriterju ta' l-"average reader" u l-animus injuriandi ta' min kien responsabbli ghall-kitba kien lampanti. Huma jsostnu li l-isem tajjeb taghhom, li kien l-aqwa gid li jgawdi bniedem, ma jistax jigi mnaqqas bla raguni valida, hlief fil-kazijiet biss regolati b'mod dixxiplinat mil-ligi stess. Konsegwentement meta wiehed isemmi nuqqas allegat ta' individwu (f'dan il-kaz ta' Ernest Cilia) wiehed ma kienx intitolat li jsemmi wkoll, ghall-ebda raguni valida, persuni ohra li, bhall-appellanti proprio et nomine, kellhom jew ghandhom relazzjonijiet ta' negozju mieghu. Dana meta l-istess appellanti ma kellhomx, u m'ghandhom x'jaqsmu xejn, ma' dak l-allegat agir negattiv addebitat lill-istess Cilia. L-argument ta' l-appellanti hu illi anke b'fatti veri wiehed seta' jingurja meta dawn jissemmew indebitament f'kuntest ingurjuz.

Jehtieg qabel xejn li l-Qorti tispecifika ezattament kif u sa fejn l-appellanti kienu involuti fl-artikolu in kwistjoni, u ghal liema parti minnu huma kienu qeghdin joggezzjonaw. L-artikolu intitolat "London Fraud Squad on 'Malta Connection' in Barclays £10m case" ittratta dwar

investigazzjoni li dik il-Fraud Squad kienet qeghda taghmel fir-rigward ta' attivitajiet allegatament illegali kondotti minn certu Ernest Cilia. Wara li l-artikolista jaghti dettalji dwar l-investigazzjoni li kienet tinvolvi lil dan Cilia u lil socjeta' "Imma So Co Ltd." registrata Malta li taghha kien f'xi zmien segretarju, huwa jaghti dettalji dwar dan l-istess Cilia u dwar din is-socjeta' li kienu rrizultawlu minn indagni li kkonduca principalment fl-ufficju tar-Registrar of Partners f'Malta. Inter alia l-artikolista jghid hekk:- "Described as a businessman in the company's annual return Mr. Cilia was the Director together with two or its other three shareholders, Henry Antoncich, an advocate and Edgar Borg, an accountant and auditor (iz-zewg atturi fil-prezenti istanza). Following a report in the Malta Independent of 7th May revealing the fraud alert circulated by the Turkish authorities, Mr. Borg and Dr. Antoncich advised the Registrar of Partnerships that Edgar Cilia had resigned his Directorship on 24th May this year. The fourth shareholder of the company, Frederick Attard, was appointed in his stead". Hu ghal dan il-kliem li l-atturi qeghdin joggezzjonaw. Huma jallegaw illi l-fatt biss illi ssemmew fl-artikolu f'dak il-kontest kien malafamanti. Jikkontendu li l-implikazzjoni saret bi skop li toffendi l-unur u l-fama taghhom, u li tesponihom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Din il-Qorti ezaminat il-kontenut kollu ta' l-artikolu fid-dawl tal-principji ta' dritt involuti u applikabbli ghall-kaz u ssib li ma tistax taqbel ma' dan l-aggrajvu:-

1. Ma hemm u ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-korrettezza tal-fatti riportati mill-artikolista li jirrigwardaw kemm lill-atturi proprio et nomine, kif ukoll lil persuni ohra msemmija fl-artikolu. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni li effettivament kienet qeghda tigi kondotta l-investigazzjoni mill-Fraud Squad Ingliz, u li fil-kors ta' dik l-investigazzjoni gie involut Ernest Cilia, cittadin malti. Dan naturalment ma jfissirx li l-allegazzjonijiet fir-rigward ta' din il-persuna kienu veri. Dawn kellhom naturalment jigu verifikati fil-foro kompetenti u dik ic-cirkostanza kienet immaterjali ghall-fini ta' dan il-meritu.

2. <u>Il-fatti</u> riportati fl-artikolu fejn dawn jikkoncernaw lill-atturi appellanti huma mhux biss korretti imma jirrizultaw minn dokumenti ufficjali accessibbli ghall-pubbliku. Certament ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega ta' verifika ta' dawn il-fatti. Lanqas kien hemm il-htiega li tigi ppruvata l-verita' taghhom.

3. Qari attent ta' l-artikolu kellu wkoll juri b'mod car u inekwivoku illi l-artikolista bl-ebda mod ma ghamel xi kumment jew esprima xi opinjoni dwar il-fatti minnu riportati li jikkoncernaw lill-atturi appellanti. Hu qal il-

fatti kif kienu u bl-ebda mod ma pprova jinfluwenza l-fehma jew jittrasmetti xi opinjoni dwarhom lill-qarrejja.

4. Illi l-artikolista deherlu li kellu jinvestiga oltre min kien interessat fis-socjeta' li permezz taghha allegatament Ernest Cilia kien opera f'attivita' allegatament kriminuza f'pajjiz esteru. L-artikolista deherlu li dan kien ta' interess ghall-qarrejja tieghu, investigah u ppubblika r-rizultanzi skarni, skjetti u korretti. L-editur xehed quddiem il-Qorti u kkonferma li hu deherlu li dawn il-fatti kienu ta' interess pubbliku fuq materja li indubbjament kienet tattira l-attenzjoni, kemm bhala storja fiha nfisha, kif ukoll minhabba l-implikazzjonijiet serji li seta' kellha fuq attivita' finanzjarja tax-xorta taht ezami.

Din il-Qorti taqbel li l-gurnalizmu investigattiv kien jippermetti, u anzi jezigi indagini ta' din ix-xorta u li l-fatti li jirrizultaw setghu jitqiesu li kienu ta' interess pubbliku. Il-fatt li din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghax tahseb illi l-atturi setghu kienu involuti fl-attivita' allegatament kondotta f'isem tas-socjeta' li taghha kienu azzjonisti u diretturi, kien ikompli jsahhah mhux idghajjef il-gustifikazzjoni li l-artikolista kien intitolat li jgib il-fatti li gab ghall-attenzjoni tal-qarrejja. Dan propju ghaliex seta' ma kienx il-kaz illi l-persuni nteressati fis-socjeta' de quo kienu daqshekk lil hinn u 'l fuq minn kull sospett.

5. Wiehed jehtieg jinnota wkoll li l-artikolista qaghad attent illi jirregistra wkoll il-fatt posittiv li l-atturi, ma' l-ewwel opportunita' u tempestivament, informaw lir-Registrar of Partnerships li dan Cilia kien irrizenja minn Direttur b'effett mill-24 ta' Mejju ta' dik is-sena u li haddiehor kien gie nominat minn floku. Dan il-fatt flimkien mat-ton kollu ta' dik il-parti ta' l-artikolu fejn l-atturi kienu nvoluti mill-artikolista, kienu jeliminaw kull addebitu ta' animus injuriandi.

6. Din il-Qorti wkoll ma tistax taqbel mas-sottomissjoni li l-fatt illi l-atturi ssemmew fil-kuntest ta' l-artikolu li fih terza persuna kienet qed tigi invstigata dwar frodi ta' proporzjonijiet ingenti, kien fih innifsu malafamanti ta' l-unur taghhom. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma hi xejn sodisfatta illi t-tismija ta' l-atturi fl-artikolu kienet wahda irrilevanti, superfluwa u maghmula biss bil-hsieb li thammeg lill-atturi. Ghall-kuntrarju tqis li l-informazzjoni kienet rilevanti, opportuna u interessanti ghall-qarrejja. Fit-tieni lok imbaghad hu inevitabbli li individwu kien necessarjament influwenzat minn persuni familjari u m'humiex li maghhom jassocja fl-attivita' li hu jikkonduci. Kull individwu jista' jkun li kellu, tajjeb jew hazin jerfa' indirettament wkoll, jekk intortament, il-piz tal-kondotta ta' dawk il-persuni li setghet ukoll tesponih ghal-iskrutinju u apprezzament tas-socjeta', anke dik aktar wiesgha milhuqa mill-mezzi tal-komunikazzjoni. Interess li jista' jkun iva morbuz jew sensazzjonali

imma jista' wkoll ikun semplicement mezz ta' informazzjoni u auto difiza tas-socjeta'.

Din il-Qorti tikkwalifika il-kontenut ta' l-artikolu taht ezami taht din it-tieni kategorija u f'kull kaz, stabbilita bla ebda dubbju l-korrettezza tal-fatti riportati fih u kostatat l-artikolista ma ghamel assolutament l-ebda kumment posittiv jew negattiv dwar dawn il-fatti zgur ma jistghux jissussistu l-elementi ta' l-azzjoni ta' malafama civili kif kontemplata fil-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Finalment il-Qorti tissottolineja li l-fatti pubblikati riferibbilment ghall-atturi mhux biss kienu korretti, imma ma kienux fihom infushom malafamanti tal-karattru taghhom. Konsegwentement ma kienetx tokkorri l-htiega ta' gustifikazzjoni ghall-pubblikazzjoni taghhom. Lanqas jista' jinghad illi l-qarrej ordinarju seta' jigbed xi inferenza negattiva fir-rigward ta' l-atturi bis-semplici qari tal-fatti veri riportati, anke fil-kuntest ta' l-artikolu shih kollu kemm hu. Dan ghaliex ma kien hemm l-ebda rifless fl-artikolu dwar il-kondotta ta' l-atturi.

Fil-kaz taht ezami din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tasal ghall-konkluzzjoni li l-fatti riportati kienu indikati biss bhala fatti ta' interess, bl-ebda mod ma setghu jigu kwalifikati bhala cirkostanza li minnhom il-qarrej kien mistenni li jaghmel inferenza negattiva u malafamanti ta' l-atturi

appellanti. L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostnut fil-mertu. Fic-cirkostanzi ghalhekk m'hemm lok li l-Qorti tesprimi ruhha fuq l-aggravju procedurali billi dan bl-ebda mod ma jincidi fuq il-mertu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm